# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 100/2016/2 JZM**

**Grace Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2020 l-isem tal-intimat inbidel għall-Avukat tal-Istat u b'digriet tal-10 ta' Jannar 2019 ġew kjamati in kawża Amabile Grech, l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, *General Services Board* u l-Perit Arkitett Marvin Ellul**

**Il-Qorti:**

1. Ir-rikorrenti appellat minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-13 ta' Lulju 2020 li biha ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża għandha tagħmel tajjeb għalihom ir-rikorrenti.

2. Il-fatti rilevanti għall-appell tar-rikorrenti huma dawn:

2.1 L-attriċi fetħet kawża ċivili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 2015 kontra Amabile Grech, l-Awtorita` tal-Ippjanar, il-Bord tas-Servizzi Ġenerali kif ukoll il-Perit Marvin Ellul (Rikors 100/2015) wara li fuq in-naħa ta' wara tar-residenza tagħha inbena bini. Ir-rikorrenti allegat li ma nżammitx id-distanza legali li trid il-liġi mill-fond tagħha u ta' ħutha. Kawża li għadha pendenti peress li qiegħda tistenna l-eżitu tal-kawża tal-lum.

2.2 Waqt is-smigħ ta' dik il-kawża, l-attriċi kienet *inter alia* talbet lill-Qorti sabiex: i. taħtar perit arkitett (spejjeż tagħha) sabiex jirrelata dwar id-distanza li dwarha kienet qiegħda tilmenta; ii. tawtorizza lir-rappreżentant tal-Awtorita` tal-Ippjanar jippreżenta l-*files* kollha li għandhom x'jaqsmu mal-permessi mitluba mill-konvenut Amabile Grech dwar l-iżvilupp li huwa għamel fis-sit in kwistjoni. Il-Qorti ċaħdet it-talbiet.

2.3 Sussegwentement b'rikors preżentat fis-27 ta' Ottubru 2016, ir-rikorrenti ippreżentat talba għar-rikuża tal-Imħallef li quddiemu kien qiegħed jinstema' l-każ, fejn allegat li kien qiegħed *"jimpediha milli tressaq l-aqwa prova li setgħet tipproduċi"*, u li l-atteġġjament tiegħu kien *"wieħed ċar li jxaqleb kontra tagħha b'mod li kien qed jippreġudika l-istess*

*każ tagħha"*. Talba li ġiet miċħuda b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2016.

2.4 Fit-22 ta' Novembru 2016 ir-rikorrenti ippreżentat il-kawża tal-lum kontra l-Avukat Ġenerali, fejn talbet:

*"1. tiddikjara li hemm jew li jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal- Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u ksur tad- drittijiet fundamentali għal rimedju effettiv a bażi tal-artikolu 13 tal- Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan fir-rigward tal-artikolu 378 tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet relattivi hekk kif applikati fil- kawża nru. 100/2015, presjeduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, fl-ismijiet Grace Spiteri et v. Amabile Grech et;*

*"2. tiddikjara li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kon-venzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill- Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali għal rimedju effettiv a bażi tal-aritkolu 13 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan fir-rigward taċ-ċaħda għat-talba ta' rikuża tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff permezz ta' provvediment ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2016, mogħti fil-kawża bin-numru 100/2015LM fl-ismijiet Grace Spiteri et v. Amabile Grech et;*

*"3. tordna r-rikuża tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff fil-kawża bin-numru 100/2015 fl-ismijiet Grace Spiteri et v. Amabile Grech et;*

*"4. taħtar ġudikant ieħor sabiex jippresjedi fuq il-kawża bin-numru 100/2015 fl-ismijiet Grace Spiteri et v. Amabile Grech et;*

*"5. tagħti dawk l-ordnijiet u r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, inkluż il-likwidazzjoni tad-danni u l-ordni għal-ħlas ta' l-istess."*

2.5 Fit-tweġiba l-Avukat Ġenerali argumenta li r-rikors kellu jkun notifikat ukoll lil dawk il-persuni l-oħra li kienu parti fil-kawża 100/2015.

2.6 B'sentenza preliminari tal-10 ta' Mejju 2017 l-ewwel Qorti ddeċidiet li ma kienx hemm ħtieġa li Amabile Grech, l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-General Services Board ikunu parti fil-kawża.

2.7 B'sentenza tat-13 ta' Novembru 2017 l-ewwel Qorti iddeċidiet il-meritu tal-kawża kostituzzjonali billi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti.

2.8 Ir-rikorrenti appellat mis-sentenza. B'sentenza tal-25 ta' April 2018 din il-Qorti ħassret dik is-sentenza li tat l-ewwel Qorti u bagħtet l-atti lura quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex jissejħu fil-kawża t-terzi parti fil-kawża ċivili **Grace Spiteri v. Amabile Grech et** (Rikors 100/2015).

2.9 B'rikors preżentat fit-30 ta' Ottubru 2018 l-Avukat Ġenerali talab li jissejħu fil-kawża Amabile Grech, l-Awtorita` tal-Ippjanar, il-General Services Board u l-Perit Marvin Ellul.

2.10 B'digriet tal-10 ta' Jannar 2019 l-ewwel Qorti laqgħet it-talba.

2.11 B'nota preżentata fit-30 ta' Jannar 2020 ir-rikorrenti irrinunzjat għall-kawża kostituzzjonali iżda żammet ferm il-kap tal-ispejjeż. Dan wara li fil-kawża **Grace Spiteri vs Amabile Grech et** (100/15) kien inbidel l-imħallef li dwaru kien l-ilment tar-rikorrenti li wassalha sabiex tippreżenta l-kawża kostituzzjonali.

2.12 B'sentenza tat-13 ta' Lulju 2020 l-ewwel Qorti kkundannat lir-rikorrenti sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż:

> *"Bla ħsara għal dak kien deċiż dwar il-kap tal-ispejjeż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' April 2018, billi r-rikorrenti ċediet il-mertu fil-mori tal-kawża, u billi d-deċiżjoni tal-lum hija limitata għall-kap tal-ispejjeż, qiegħda għar-raġunijiet kollha premessi taqta' u tiddeċiedi billi tordna lir-rikorrenti sabiex tħallas l-ispejjeż l-oħra ta' din il-kawża"*.

3. Safejn huma rilevanti għal dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2020 ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> *"Il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:*
>
> *"a) Is-setgha ta` din il-Qorti bhala qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali huwa cirkoskritt u arginat ghall-istharrig ta` jekk avveratx ruhha l-lezjoni tal-jeddijiet fondamentali lamentat mir- rikorrenti.*
>
> *"b) Meta r-rikorrenti ghamlet it-talba ghall-hatra ta` perit fl-ewwel dehra tal-kawza, il-qorti tat direzzjoni cara lill-partijiet dwar kif kellha tkun stradata l-kawza. Dik hija prerogativa tal-qorti, wara li tkun semghet lill-partijiet. Il-qorti dehrilha opportun li tqis l-ewwel l- eccezzjonijiet preliminari qabel tmiss il-mertu. Billi l-utilita` tal-hatra ta` perit tekniku tkun imkejla fil-kuntest tal-mertu, ghamlet sewwa l- qorti li halliet il-konsiderazzjoni ta` din it-talba ghal stadju ulterjuri tal- kawza. B`daqshekk ir-rikorrenti ma kellhiex ghalfejn tilmenta.*
>
> *"c) Prova tal-ghazla korretta li ghamlet il-qorti kien il-fatt li t-trattazzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari wasslet materjalment sabiex l-Awtorita` konvenuta u l-Bord konvenut ma jibqghux fil-kawza bic-cessjoni tal-atti tal-kawza mir-rikorrenti limitatament fil-konfront taghhom.*
>
> *"d) Wara dik ic-cessjoni l-kawza baqghet ristretta ghall- konvenuti Grech u Ellul u cioe` l-mertu.*
>
> *"e) Ma jirrizulta ppruvat ebda xkiel min-naha tal-qorti ghall- prova li r-rikorrenti riedet tikseb bix-xiehda ta` Oliver Magro. Ipprezenta l-permessi kollha rilevanti ghall-kwistjoni li kellu quddiemu l-Onor. Imhallef Mintoff. Din il-Qorti sejra ticcita bran mid- deposizzjoni ta` Oliver Magro :-*

*“Xhud: Kif nixhed kull darba quddiem il-Qorti, ngib kopja tal- pjanta u l-permess. Issa, jekk iridu kopja tal-file jiena naghmilha mhux problema.*

*...*

*“Qorti: Jekk hemm xi korrispondenza ta` Grace Spiteri, hu pacjenza erga ejja darba ohra.*

*...*

*“Qorti: Li trid taghmel idhol fil-files. Jekk hemm korrispondenza, ill jew mibghutha jew intbghatet lis-Sinjura gib kopja taghha.*

*...*

*“Qorti: Ghal li jista` jkun gib il-files mieghek halli jekk ikun irid jarahom.*

*“f) Ghal din il-Qorti huwa car li dak li qed jigi allegat mir- rikorrenti ossia li l-qorti kienet ostili lejha non in cielo ne in terra.*

*“g) Ir-rikors li pprezentat ir-rikorrenti fejn talbet ir-rikuza tal- Onor. Imhallef Mintoff kien intempestiv. Mhux biss huwa wkoll fattwalment infondat. Ma jirrizultax mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta` Oliver Magro li l-qorti kienet opposta ghall-produzzjoni tal-files ; proprju xejn minn dan.*

*“h) Dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti li ma kellhiex tkun michuda t-talba taghha ghall-hatra ta` perit tekniku, jirrizulta li t-talba saret mir-rikorrenti fil-21 ta` April 2015. X`sehh dakinhar diga` saret referenza ghalih (supra). Wara dik is-seduta ma kienx hemm talba ohra mir-rikorrenti. Huwa ghalhekk skorrett dak li nghad mir-rikorrenti fl-atti li pprezentat. Barra minn dan, fl-istadju tal-gbir tal-provi fil- mertu, ma tirrizulta ebda talba mir-rikorrenti ghall-hatra ta` perit tekniku.*

*“i) Id-digriet tal-Onor. Imhallef Mintoff huwa fattwalment u legalment korrett.*

*“j) Ladarba r-rikorrenti kienet cediet il-kawza fil-mertu kontra l-Awtorita` ntimata u kontra l-Bord intimat, din il-Qorti mhijiex tifhem ghaliex ma kenitx opposta min-naha tar-rikorrenti t-talba tal-Avukat Generali ghall-kjamata fil-kawza ta` dawk iz-zewg partijiet ukoll apparti l-intimati l-ohra.*

*“k) Mhuwiex ippruvat li l-Onor. Imhallef Mintoff bil- provvediment ta` rigett tar-rikuza cahhad lir-rikorrenti minn xi jedd kostituzzjonali u/jew konvenzjonali taghha.*

*“l) Din il-Qorti hija tal-fehma illi fil-kaz tal-lum ma rrizultawx fatti jew cirkostanzi daqstant gravi jew impellenti li jaghtu lok ghal dubji serji li l-Onor Imhallef Mintoff ma kienx sejjer ikun imparzjali.*

*"m) It-thassib prospettat mir-rikorrenti dwar allegata parzjalita` tal-Imhallef Mintoff hija ghal kollox infondata.*

*"n) Il-Qorti trid timxi fuq il-provi, u fuq dawn trid issawwar il-konsiderazzjonijiet taghha.*

*"o) Din il-Qorti tistqarr illi ma tressqet l-ebda prova oggettiva li l-Imhallef Mintoff bil-kondotta tieghu esprima xi hjiel ta` pregudizzju reali u attwali kontra r-rikorrenti jew li ta lok li jqum dubju legittimu dwar pregudizzju jew imparzjalita` sal-grad rikjest mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni kif allegat mir-rikorrenti"***.**

4. Fit-30 ta' Lulju 2020 ir-rikorrenti appellat mis-sentenza.

5. Min-naħa tal-appellati wieġbu l-Avukat tal-Istat, il-Bord għas-Servizzi Ġenerali u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Il-Perit Marvin Ellul ma weġibx għalkemm notifikat bir-rikors tal-appell.

<u>L-ewwel aggravju.</u>

6. L-ewwel aggravju hu li l-ewwel Qorti żbaljat meta daħlet fil-meritu tal-kawża, għaliex kull ma kellha tiddeċiedi dwaru hu min mill-partijiet għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża. Dan wara li r-rikorrenti ippreżentat nota ta' ċessjoni peress li l-imħallef li dwaru kienet qiegħda toġġezzjona, ma baqax jippresjedi fil-kawża **Grace Spiteri v. Amabile Grech et** (100/2015). Għalhekk ir-rikorrenti ssostni li l-ewwel Qorti ddeċidiet *ultra petita*.

7. Dan l-aggravju hu fieragħ. Hu minnu li r-rikorrenti rrinunzjat għat-talbiet tar-rikors promotur li bih inbdiet il-kawża kostituzzjonali. Madankollu l-meritu tal-kawża kien altru milli rilevanti sabiex l-ewwel Qorti tiddeċiedi min mill-partijiet għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti kienet proprju sabiex tasal għal deċiżjoni dwar min kellu jkun ikkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża. Kif jirriżulta mill-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti ddeċidiet biss dwar l-ispejjeż, u għalhekk fis-sentenza m'hemmx id-difett li semmiet ir-rikorrenti.

It-tieni aggravju.

8. Fit-tieni aggravju r-rikorrenti ilmentat li l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra fatturi rilevanti. Fl-ewwel lok argumentat li, *"7...... meta ġiet preżentata n-nota ta' ċessjoni tal-appellanti, il-partijiet fil-kawża, salv għall-kjamat Amabile Grech, ilkoll kienu qablu li kulħadd għandu jbati l-ispejjeż tiegħu"*.

9. Skont l-Artikolu 907(2) tal-Kap. 12, il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

10. Fl-aggravju r-rikorrenti argumentat li:

*"9. Illi fl-aħħar lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti appellanti tirrileva bir-rispett illi ma kinitx hi li sejħet lill-kjamati fil-kawża u konsegwentement mhuwiex ġust illi hi tħallas l-ispejjeż tal-kjamati wkoll.*

*"Fil-fatt, kien l-intimat Avukat tal-Istat appellat li eżiġa fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur tal-esponenti li jiġu kjamati fil-kawża Amabile Grech, l-Awtorita tal-Ippjanar, il-General Services Board u l-perit Arkitett Marvin Ellul.*

*"Fid-dawl ta' dan, l-esponenti appellanti tirrileva bir-rispett illi l-ewwel Qorti naqset milli tieħu a konjizzjoni dawn il-fatturi relevanti għall-vertenza, bir-riżultat illi l-esponenti appellanti ġiet ordnata tħallas kollox hi".*

11. Hu fatt li kien l-Avukat Ġenerali li b'rikors preżentat fit-30 ta' Ottubru 2018 talab li jissejħu fil-kawża Amabile Grech, l-Awtorita` tal-Ippjanar, il-Perit Marvin Ellul u l-General Services Board. Talba li saret minħabba s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' April 2018 fejn ġie deċiż:

*"14. Iżda billi d-deċiżjoni dwar ir-rikuża ngħatat fi proċeduri fejn kienu parti wkoll terzi, mhux biss l-attriċi tallum, it-tħassir ta' dik id-deċiżjoni jolqot il-posizzjoni legali ta' dawk it-terzi, bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fid-dawl tar-regola audi alteram partem. Huwa ovvju għalhekk l-interess tat-terzi f'dawn il-proċeduri wkoll għax jekk l-appell jintlaqa' jintlaqtu wkoll id-drittijiet tagħhom. Għalhekk it-terzi li huma parti fil-kawża li fiha ngħatat l-eċċezzjoni ta' rikuża għandhom jissejħu f'din il-kawża wkoll sabiex il-qorti tisma' x'għandhom xi jgħidu.*

*"15. Billi iżda l-art. 961 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi s-sejħa fil-kawża tista ssir biss fil-qorti tal-ewwel grad, il-qorti tħassar is-sentenza li minnha sar dan l-appell, tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex issir is-sejħa fil-kawża, u l-kawża tinstema' u tiġi deċiża mill-ġdid b'ħarsien tal-ħtieġa tal-integrita tal-ġudizzju".*

12. Fis-sentenza tal-25 ta' April 2018 din il-Qorti ma semmietx b'isimhom il-partijiet li kellhom jissejħu fil-kawża. Ovvjament kellhom jissejħu fil-kawża biss dawk il-konvenuti li kienu parti fil-kawża **Grace Spiteri v. Amabile Grech et** (100/2015). Fid-data li ngħatat is-sentenza

dawn kienu l-konvenuti Amabile Grech u l-Perit Marvin Ellul peress li mill-atti ta' dik il-kawża jirriżulta li permezz ta' żewġ noti preżentati mir-rikorrenti fis-26 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrenti kienet irrinunzjat għall-kawża fil-konfront tal-Awtorita` tal-Ippjanar u l-General Services Board. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2015 tal-kawża ċivili 100/2015 il-Prim'Awla għamlet referenza għal dawk l-atti u qalet:

> *"Il-Qorti għalhekk tillibera lill-konvenuti l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-General Services Board mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attriċi".*

13. Għalkemm kien l-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat) li b'rikors tat-30 ta' Ottubru 2018 talab li jissejħu fil-kawża l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-General Services Board (ara fol. 147) għalkemm ma kinux għadhom parti fil-kawża ċivili 100/2015, meta r-rikorrenti wieġbet għal dak ir-rikors naqset milli issemmi li dawk l-awtoritajiet ma kinux baqgħu parti fil-kawża 100/2015. L-Avukat Ġenerali m'huwiex parti fil-kawża 100/2015. Minflok fit-tweġiba għar-rikors ir-rikorrenti irrepetiet argumenti li kienu diġa` ġew ikkunsidrati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' April 2018, u f'dak l-istadju kienu irrilevanti. In-nuqqas tar-rikorrenti wassal sabiex b'digriet tal-10 ta' Jannar 2019 issejħu fil-kawża l-Awtorita` tal-Ippjanar u l-General Services Board meta ma kinux baqgħu parti fil-kawża 100/2015, u għalhekk żgur li ma kinux leġittimi kontradittur fil-kawża kostituzzjonali in eżami.

14. Għal dak li jikkonċerna l-intimati l-oħra Amabile Grech u l-Perit Marvin Ellul, kien essenzjali li jkunu parti f'din il-kawża. Materja li ġiet determinata b'mod finali minn din il-Qorti fis-sentenza li tat fil-25 ta' April 2018. F'dan ir-rigward m'huwiex importanti liema parti talbet li jissejħu fil-kawża, ġialadarba hemm sentenza ta' din il-Qorti li fil-kawża kostituzzjonali kellhom jissejħu fil-kawża dawk it-terzi li jintlaqtu b'deċiżjoni dwar ir-rikuża tal-Imħallef fil-kawża 100/2015.

15. Għalkemm ir-rikorrenti ssostni li meta fit-30 ta' Jannar 2020 ippreżentat in-nota ta' ċessjoni, bl-eċċezzjoni ta' Amabile Grech, il-partijiet fil-kawża ftehmu li kulħadd ibati l-ispejjeż tiegħu, fl-atti m'hemmx prova ta' xi ftehim simili. Anzi dak li jirriżulta mill-atti hu li:

i. Ir-rikorrenti ppreżentat nota ta' ċessjoni fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2020.

ii. Fil-verbal ta' dik is-seduta hemm dikjarat:

> *"Billi ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż il-partjiet filwaqt li jiddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu dwar il-kap tal-ispejjeż una volta li l-mertu kien ċedut illum jitolbu lill-Qorti sabiex tagħti sentenza dwar l-ispejjeż"*.

16. Dak il-verbal anzi hu prova li ma kienx hemm ftehim.

17. Fiċ-ċirkostanzi, tiċħad it-tieni aggravju.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr